SAN LAWRENZ

**Il-Minuti tat-tmienja u ħamsin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Gimgha 25 ta' Novembru 2011 fit-8:30 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .**

***Preżenti:***

***Sindku:*** **Noel Formosa**

***Viċi-Sindku:*** **Anthony Formosa**

***Membri:***

**John Mercieca**
**Joseph Sultana**
**Luigia Grima**

***Segretarju Eżekuttiv:*** **Lucienne Haber**

**1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.**

**2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.**

**3.0 Attivitajiet tal-Milied**

3.1 Il-Kunsill qabel li minbarra t-tiżjin tal-Milied għandu jorganizza party għat-tfal u jingħata rigal lil dawk kollha preżenti. Sar qbil ukoll li bħas-soltu nġibulhom *animator* biex iżommhom okkupati.

**4.0 Ħarġa għall-anzjani**

4.1 Il-Kunsill qabel li flok jorganizza ħarga bħas-soltu għandu jagħmel party għall-anzjani kollha ta' San Lawrenz u wkoll jingħatalhom rigal żgħir kull wieħed. Sar

qbil li l-party għandu jsir fid-dar tal-anzjani f'San Lawrenz stess. Sar qbil ukoll li għandna nġibu lil Spiru Sillato biex iferraħhom.

**5.0 Pjanti għall-passaġġi**

5.1 Is-Sindku semma' li l-Perit Salvu Micallef qed jipprepara l-pjanti tal-passaġġi li ser nissottomettu taħt l-applikazzjoni tal-proġett Miżura 125 tal-Unjoni Ewropea. Is-Sindku semma' li dawn jinħtieg li jiġu sottomessi f'ordni ta' priorita'. Il-Kunsill qabel li għandu jissottomettihom f'din l-ordni :-

1. Ħotba taz-Zugu
2. Ta' Sanċier
3. Ta' Wied Ġunu

Is-Sindku semma' li d-data tal-għeluq tal-applikazzjoni hija fit-2 ta' Diċembru 2011.

**6.0 Appell tal-proġett tal-pjazza**

6.1 Is-Sindku rrefera għall-appell li daħal fid-Dipartiment tal-Kuntratti inkonessjoni mad-deċizzjoni dwar l-offerta tal-proġett tal-pjazza. Il-Kunsill mexa' fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-għazla u għalhekk sar qbil li għandu jqabbad lill-Avukat Michael Tanti Dougall biex jmexxi hu lill-Kunsill fuq dan ir-rigward. Sadanittant il-Kunsill qed jistenna l-appuntament tal-appell mid-dipariment tal-Kuntratti.

**7.0 Materji oħra**

7.1 Il-Kunsill qabel li rigward il-kors tad-dgħajjes għandu jorganizza laqgħa ta' nformazzjoni għal dawk interessati qabel ma nagħtu bidu għal kors.

7.2 Is-Sindku rrefera għal fatt li t-turf tal-artificial turf ground qed jispicca. Huwa propona li għandna nġbu stima għal dan it-turf u naraw jekk nistgħux nakkwistaw xi għajnuna taħt xi skema jew applikazzjoni biex niffinanzjaw dan il-proġett.

7.3 Is-Sindku wkoll irrefera għall-ftuh uffiċjali tal-proġett tar-restawr tal-pitturi u l-orgni tal-knisja li ser isir fl-14 ta' Diċembru 2011. Il-Kunsilliera huma mistiedna għal din ic-ċerimonja.

Il-laqgħa ntemmet fl-10:00 ta' filgħodu.

***Noel Formosa***<br>***Sindku***

***Lucienne Haber***<br>***Segretarju Eżekuttiv***